**KUNSILL LOKALI SANTA VENERA**

**SANTA VENERA LOCAL COUNCIL**

39/19

**Id-disgħa u tletin (39) laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, nhar is-sebgħa ta' Mejju, 2015 fis-6.30 ta' filgħaxija.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Preżenti:** | Is-Sur Stephen Sultana | - | Sindku |
| | Is-Sur Silvio Vella | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Darren Carabott | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Jason Mangani | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Horace Anastasi | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Jonathan Brimmer | - | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Michael Mifsud | - | Segretarju Eżekuttiv |
| **Assenti:** | Is-Sinj. Elizabeth Vella | - | Kunsillier |

**Aġenda:**

1. Aġġustamenti: Audited Financial Statement

Il-laqgħa bdiet fis-6.30 ta' filgħaxija.

### *1. Aġġustamenti: Audited Financial Statements*

Is-Sindku informa lill-membri li l-proċeduri jitolbu li wara li l-awdituri għamlu l-postings tagħhom l-accountant ikun irid jevalwa u jagħmel l-aġġustamenti tal-*financial statements*. Peress li sat-8 ta' Mejju 2015 iridu jiġu preżentati l-*financial statement* kellha tissejjaħ laqgħa b'urġenza sabiex l-accountant ikun jista' jmexxi b'dawn l-aġġustamenti tal-*Financial statements* u jiġu preżentati lill-awdituri.

Is-Sindku talab lill-Accountant sabiex jispjega l-aġġustamenti tal-*Audited Financial Statement*s lill-membri tal-Kunsill.

Fis-6.45pm wasal wieħed mill-Kunsilliera s-Sur Silvio Vella

Fis-6.50pm wasal wieħed mill-Kunsilliera s-Sur Jonathan Brimmer

Is-Sur Chris Farrugia spjega fid-dettal ir-rapport li l-awdituri għamlu għas-sena 2014. Huwa qal li dawn l-istatements huma mfassla skont il-Budget 2014.

Triq il-Kbira San Gużepp, Santa Venera SVR 1013.
TELEPHONE: (00356) 21491030 FAX: (00356) 21491664
Indirizz: santavenera.lc@gov.mt Sit elettroniku: http://www.santavenera.lc.gov.mt

**KUNSILL LOKALI SANTA VENERA**

**SANTA VENERA LOCAL COUNCIL**

Is-Sindku ppropona *adjusted financial statements* filwaqt li is-Sur Silvio Vella ssekonda lis-Sindku filwaqt li l-kumplament tal-membri preżenti qablu b'mod unanimu.

Il-laqgħa ntemmet fid-7.15 ta' filgħaxija.

Stephen Sultana
Sindku

Michael Mifsud
Segretarju Eżekuttiv

Ikkonfermati llum: 18/5/2015

Triq il-Kbira San Gużepp, Santa Venera SVR 1013.
TELEPHONE: (00356) 21491030 FAX: (00356) 21491664
Indirizz: santavenera.lc@gov.mt Sit elettroniku: http://www.santavenera.lc.gov.mt